## Il-Proġett

Il-proġett ECVET għall-Permjabilita` u t-Trasferabilita` bejn is-Sistema tal-VET Formali u Mhux Formali (ECVET Permit) għandu l-għan li jimplimenta l-metodoloġija tas-Sistema Ewropea ta' Krediti għall-Edukazzjoni u t-Taħriġ Vokazzjonali (ECVET) fil-kurrikulu tal-programmi tal-istudju tal-VET fi ħdan is-sistema formali u mhux formali tal-VET, f'livell nazzjonali u tal-UE, fi sforz biex tikber il-permjabilita` u t-trasferabilita` tar-riżultati tat-tagħlim akwistati f'kuntesti ta' tagħlim differenti.

B'mod speċifiku l-proġett għandu l-għan li japplika l-metodologija ECVET biex jiddiskrivi, jassessja u jivvalida r-riżultati tat-tagħlim fil-programmi tal-istudju tal-VET tat-tliet speċjalizzazzjonijiet tekniċi mhux formali:

- Elektrixin
- Plamer
- Mekkanik tal-Karozzi

biex jittestja t-transferabilita` tal-krediti mis-sistema tal-VET mhux formali għall-formali, l-ewwel nett fuq skala nazzjonali u t-tieni nett fuq livell Ewropew.

## Għanijiet Speċifiċi

L-implimentazzjoni tal-proġett fiha tliet għanijiet speċifiċi:

1. Biex tapplika l-metodoloġija ECVET f'għażla ta' programmi vokazzjonali tekniċi fi ħdan is-sistema tal-VET formali u mhux formali fi tliet pajjiżi tal-UE: Ċipru, Malta u l-Greċja;
2. Biex tittestja t-trasferabilita` tar-riżultati tat-tagħlim mis-sistema tal-VET mhux formali għal dik formali f'livell nazzjonali u transnazzjonali;
3. Biex toħloq għarfien dwar il-benefiċċji tal-implementazzjoni tas-sistema tal-ECVET u tippromovi l-implementazzjoni tal-ECVET għall-permjabilita` u t-trasferibilita` fi ħdan is-sistema tal-VET formali u mhux formali f'livell nazzjonali u Ewropew.

L-għanijiet tal-proġett jimxu fuq l-istess binari tal-objettivi u l-prijoritajiet tas-Sħubijiet Strateġiċi skont il-programm tal-Erasmus+ u b'mod partikolari:

- Biex ikkabbru l-valur u r-relevanza tal-programmi tat-tagħlim fis-settur mhux formali tal-VET, billi japplikaw il-metodoloġija tal-ECVET u jiffaċilitaw it-trasferiment tal-

krediti mis-sistema tal-VET mhux formali għal dik formali f'livell nazzjonali u transnazzjonali;
- Biex jiffaċilitaw il-validitazzjoni ta' tagħlim mhux formali u l-permjabilita` tiegħu fi ħdan linji ta' edukazzjoni formali.

## Msieħba

**Intercollege - Ċipru**
papaloizou.l@intercollege.ac.cy
www.intercollege.ac.cy

**CPC - Cyprus Productivity Centre - Ċipru**
ghorattas@kepa.mlsi.gov.cy
www.mlsi.gov.cy

**HRDA – Human Resources Development Authority of Cyprus - Ċipru**
i.zenios@hrdauth.org.cy
http://www.hrdauth.org.cy/

**IDEC - Greċja**
natassa@idec.gr
www.idec.gr

**IIEK DELTA -** Greċja
kkiousis@delta-iek.gr
www.delta-iek.gr

**MCAST - Malta College of Arts, Science and Technology - Malta**
joshua.Bugeja@mcast.edu.mt
http://www.mcast.edu.mt/

Erasmus+

*Dan il-proġett ġie ffinanzjat bl-għajnuna tal-Kummissjoni Ewropea. Din il-pubblikazzjoni tirrifletti biss il-fehmiet tal-awtur, u l-Kummissjoni ma tistax tinżamm responsabbli għal xi użu li jista' jsir mill-informazzjoni li tinsab fl-istess pubblikazzjoni.*

Numru tal-Ftehim: 2014-1-CY01-KA202-000276

## Aħbarijiet dwar il-Proġett

**L-ewwel attivita' ta' taħriġ/tagħlim tas-sieħeb tal-ECVET PERMIT**

Għandna pjaċir inħabbru li l-ewwel attivita` ta' taħriġ/tagħlim tas-sieħeb tal-ECVET għall-Permjabilita` u t-Trasferabilita` bejn is-Sistema tal-VET Formali u Mhux Formali (ECVET Permit) saret Nikosija, Ċipru bejn l-20 u l-24 ta' April 2015.

It-taħriġ li sar kellu tliet għanijiet:

- Biex iħarreġ l-għalliema tal-VET fuq metodoloġija tal-ECVET u speċifikazzjonijiet tekniċi.
- Biex jintroduċi l-Manwal ta' Taħriġ tal-ECVET li qiegħed jiġi żviluppat mill-konsorzju
- Biex jiffinalizza l-linjigwida metodoloġiċi għall-ittestjar attwali tal-għodda tal-ECVET.

Għat-taħriġ ta' ħamest ijiem attendew b'kollox ħmistax-il għalliem u amministratur tal-VET minn Ċipru, il-Greċja u Malta

Il-laqgħa li jmiss tas-sieħeb transnazzjonali se ssir Ateni, il-Greċja, f'Settembru 2015.

Għal aktar informazzjoni dwar il-proġett tal-ECVET PERMIT, żur il-websajt tal-proġett: http://www.nic.intercollege.ac.cy/ecvetpermit

**ECVET (Is-Sistema Ewropea ta' Krediti għall-Edukazzjoni u t-Taħriġ Vokazzjonali)**

Is-Sistema Ewropea ta' Krediti għall-Edukazzjoni u t-Taħriġ Vokazzjonali (ECVET), hi qafas tekniku għat-trasferiment, rikonoxximent u (fejn jixraq) akkumulazzjoni ta' riżultati tat-tagħlim ta' individwi bil-għan li jakkwistaw kwalifikazzjoni. Iggwidati minn Rakkomandazzjoni ta' livell Ewropew, l-għodod u l-metodoloġiji ECVET jinkludu deskrizzjoni ta' kwalifiki f'termini ta' junits ta' riżultati tat-tagħlim, proċess ta' trasferimnent u akkumulazzjoni u sensiela ta' dokumenti komplementari bħal ftehim ta' tagħlim, traskrizzjoni personali u manwali. ECVET għandu l-għan li jaffaċilita l-għarfien tar-riżultati tat-tagħlim skont leġislazzjoni nazzjonali, fil-qafas ta' mobilita`, bil-għan li wieħed jakkwista kwalifikazzjoni.

Għal aktar informazzjoni dwar l-ECVET, żur il-websajt uffiċjali tal-ECVET-Toolkit: http://www.ecvet-toolk it.eu








Erasmus+

*Dan il-proġett ġie ffinanzjat bl-għajnuna tal-Kummissjoni Ewropea. Din il-pubblikazzjoni tirrifletti biss il-fehmiet tal-awtur, u l-Kummissjoni ma tistax tinżamm responsabbli għal xi użu li jista' jsir mill-informazzjoni li tinsab fl-istess pubblikazzjoni.*

Numru tal-Ftehim: 2014-1-CY01-KA202-000276